# MAL-MIXJA TAS-SEKLI

*Riċerka u Kitba ta' Philip Borg*
*President, Soċjetà Dun Filippu Borgia*

Il-ġrajjiet sbieħ li qed niċċelebraw din is-sena jafu l-bidu tagħhom – direttament u indirettament – lil kulma sawwar l-istorja magħrufa ta' Birkirkara. It-tifkiriet li qed nagħmlu din is-sena għandhom għeruq fondi ħafna fil-Fidi, fil-għożża, fil-kuraġġ u fid-determinazzjoni ta' missirijietna tul medda twila ta' ħafna sekli.

Il-ġabra ta' tagħrif li ħejjejt għall-ktieb tal-programm tal-Festa tassena 2000, hija frott ta' dawk kollha li għexu, emmnu u ħadmu qabilna. L-istess għejjun ta' tagħrif li kelli l-pjaċir inqalleb fihom, huma prova li, mhux biss niesna kienu protagonisti, imma ħallewlna xhieda miktuba ta' kulma għexu. Ħaġa waħda biss ma kitbux, imma għexuha: l-għożża kbira tagħhom għat-Twemmin Nisrani – fatt innegabbli li jinħass bħala l-ħolqa vitali bejnhom u bejnna, bejn il-bieraħ u llum.

Xtaqt inżomm fil-qosor u nħalli barra ċerti dettalji, iżda l-loġika talkatina fl-Istorja ma tħallikx. Għax biex tifhem u tapprezza s-sabiħ, trid tifhem u tapprezza wkoll l-iebes li kkawża jew għen biex jinkiseb kulma huwa sabiħ. Kif jikkwota l-istoriku E.B. Vella lill-Papa Ljun XIII, irrakkont ta' l-Istorja jrid ikun sħiħ biex ikun awtentiku u jitwemmen. Il-ħajja tal-bniedem fiha minn kollox, għax jgħix f'taqbida kontinwa bejn dinja li tiġbdu 'l isfel u spirtu qaddis li jiġbdu 'l fuq. Hekk kien, hekk għadu u hekk jibqa'.



**Kapitlu u Membri tas-Soċjetà Dun Filippo Borgia fil-preżentazzjoni ta' rigal lill-E.T. Rev.ma Mons. Mikiel Gonzi**

Din il-ġabra għandha tgħinna lkoll ngħixu, pass, pass, il-ħajja tal-Karkariżi ta' qabilna – sakemm tista' tmur 'il bogħod l-istorja marbuta mal-Fidi Kattolika f'Birkirkara. Waqt li din is-sena qed nifirħu u niċċelebraw, ejja niftakru f'dawk li emmnu u stinkaw qabilna. Jekk illum m'għadhomx magħna, għandna magħna l-frott kotran u bnin ta' l-għaraq tagħhom.

Grazzi lilhom għal dak kollu li qed nifirħu bih din is-sena! Grazzi fuq kollox lil Alla l-Imbierek li żejjinna b'moħħ li jagħraf u b'qalb li tapprezza! Grazzi lil Ommna tas-Sema Sant'Elena li, għax missirijietna għażluha bħala patruna sekli kbar ilu, żammet fostna dejjem tixgħel il-fjamma tħeġġeġ fi qlubna lejn il-Fidi Kattolika li, hi u binha rnexxielhom joħorġu mill-ħabi u xandruha bħala dawl għall-ġnus!

Grazzi wkoll għall-għajnuna tagħha li aħna llum nifirħu, imma – fuq kollox – nifhmu sehemna f'dan iċ-ċiklu ta' umaneżmu kristjan: li ngħożżu dan kollu bl-impenn li ngħadduh lil uliedna biex huma wkoll jagħrfuh, jgħożżuh u jersqu bih lejn is-Sema pajjiżna lkoll.... ħekk kif xtaq l-aqwa benefattur tal-Poplu tagħna Dun Filippu Borgia meta *"ried jibdel il-ġid ta' l-art, li jispiċċa, fil-ġid tas-Sema, li ma jintemm qatt"!*



**Il-Kumitat tas-Soċjetà Dun Filippu Borgia flimkien mal-President ta' Malta, l-Eċċ. Tiegħu, il-President Prof. Dr Guido de Marco f'Jum Birkirkara 1999**



## DATI EWLENIN FL-ISTORJA TAL-PARROĊĊA ARĊIMATRIĊI U PROTO-KOLLEĠĠJATA BAŻILIKA TA' BIRKIRKARA

**1402** F'din is-sena Birkirkara kienet diġa' Parroċċa, skond dokument misjub fl-Arkivju tal-Vatikan (Reg.1at 107,1). Il-Parroċċa ta' Sant'Elena kienet diġà tiffunzjona bħala tali u dan kien fi żmien il-Papa Bonifaċju IX (1389-1404) u fi żmien l-Isqof Benedittin ta' Malta Dom Mawru Calì (1393-1408).[1]

L-1402 tfisser għalhekk li sentejn oħra, fl-2002, Birkirkara tkun żgur ilha 600 sena parroċċa, għalkemm nibqgħu ma nafux sew kemm twaqqfet qabel dik is-sena! Hi liema hi d-data preċiża tat-twaqqif, Birkirkara hija waħda mill-eqdem u kienet minn dejjem l-akbar parroċċa f'Malta – bħala popolazzjoni u territorju.

**1436** Għal ħafna snin konna nqisu s-sena 1436 – żmien il-Papa Ewġenju IV (1431-1447) u l-Isqof Senatore de Mello (1432-1445) – bħala dik tat-twaqqif tal-parroċċa. Iżda meta nstab minn Anthony Luttrell id-dokument imsemmi fuq, kulħadd fehem li l-ktieb "Malta Illustrata" maħruġ minn G.F.Abela u G.A.Ciantar fl-1780 (II, pp.171-172) u li fuqu kienet ibbażata s-sena 1436, aktarx kien jirreferi għal liema kienu l-irħula jew bliet li fihom kien hemm diġà knisja parrokkjali – u mhux li twaqqfu f'dik is-sena.[2]

**1567** Appena sentejn wara l-Assedju l-Kbir, twieled Filippu Borg, li aktar tard kellu jkun l-akbar benefattur fl-istorja ta' Birkirkara; f'dik il-ħabta wkoll kienet ġiet abbandunata għal kollox il-knisja ta' S.Elena f'ta' l-Għargħar (San Ġwann tal-lum) wara l-pesta ħarxa ta' l-1560; minħabba f'hekk, il-kappillan ta' dik il-ħabta D. Ġużepp Bellia kien ta bidu għall-knisja tal-Lunzjata li, aktar tard, fis-seklu XVIII kellha tinħatt u tagħmel wisgħa għall-Bażilika tal-lum.

**1575** Fis-26 ta' Marzu ta' din is-sena inqatgħet għaliha l-ewwel parroċċa bint Birkirkara – dik ta' Ħ'Attard, li bdiet tiffunzjona bħala tali fl-1579; miegħu kien jiġbor ukoll lil Ħal Bordi u lil Ħal Mann fi żmien l-Isqof Dumink Cubellas, wara li kien żar lin-nies tar-raħal il-Viżitatur Apostoliku Pietru Dusina.[3]

**1594** Fis-6 ta' Frar ta' din is-sena infirdet it-tieni parroċċa wild Birkirkara, dik tat-Trasfigurazzjoni (jew is-Salvatur) f'Ħal-Lija. L-għada

fis-Salib il-Qawmien tagħna

stess, fis-7 ta' Frar 1594, Dun Filippu Borg, appena ħames xhur li kien ordnat saċerdot (18.9.1593), inħatar Kappillan ta' Birkirkara fl-età ta' 27 sena, meta kien diġà għalliem u eżaminatur imfittex ħafna, apparti li kellu jservi bħala Vigarju Ġenerali tad-djoċesi kollha u Pro-Inkwiżitur u mħallef tas-Sant'Uffizzju.

**1614** Hu maħsub li kien għall-ħabta tas-sena 1614 li kien beda x-xogħol tal-bini tal-Knisja l-Qadima tal-lum. Qabilha, anzi fil-post fejn hemm il-kor tagħha llum, kien hemm oħra iċken – it-tieni knisja parrokkjali tal-Karkariżi – maħsuba li nbniet fl-ewwel kwart tas-Seklu XVI, qabel ġew il-Kavallieri f'Malta.[4]

Il-Knisja l-Qadima tal-lum bdiet bir-rieda ta' Dun Filippu Borg, allura Kappillan, li minn ġidu stess "ried jibni knisja isbaħ u ikbar biex taqdi l-ħtiġiet tal-poplu".[5] Id-disinn tħalla f'idejn l-arkitett Vittorju Cassar (1550-1607) u tkompla minn Tumas Dingli (1591-1666) li ddisinja l-faċċata u l-koppla.

It-titular kien ta' l-Assunzjoni ta' Marija Ss.ma, titular popolari dik il-ħabta; iżda kien tqiegħed kwadru antik ta' Sant'Elena fil-kor u riliev tal-qaddisa f'ċirku bil-puttini f'nofs is-samrotti tat-troll tal-kor biex donnu jissokta mad-devozzjoni ferm qadima tal-Karkariżi lejha.

**1630** Fil-5 ta' Diċembru 1630 il-Papa Urbanu VIII laqa' t-talba ta' Dun Filippu Borg u waqqaf il-Kolleġġjata ta' S. Elena f'Birkirkara – l-ewwel waħda f'dawn il-gżejjer; mill-Arċibażilika ta' Santa Maria Maggiore f'Ruma, il-Papa bagħat il-Bolla "Sacri Apsotolatus Ministerio" lill-Inkwiżitur tas-Sant'Uffizzju biex iwettaqha "skond ix-xewqa tal-Fundatur". Dun Filippu ried li jagħti ġidu kollu biex titwaqqaf din il-Kolleġġjata – bi Prepositura u tnax-il Kanonikat – bil-għan suprem li "l-ġid ta' l-art jinbidel fil-ġid tas-sema".

Skond il-Bolla, din il-Kolleġġjata kellha tkun biss suġġetta għall-awtorità diretta tal-Papa, iżda dan id-dettal inbidel b'sentenza tas-Sacra Romana Rota tad-9 ta' Diċembru 1637 wara li saret oġġezzjoni mill-Isqof djoċesan.[6]

**1631** Fl-24 ta' Settembru 1631 l-istess Papa Urbanu ikkonferma l-Istatuti tal-Kolleġġjata kif fassalhom il-Fundatur innifsu; dawn l-Istatuti ġew dejjem kunsidrati bħala parti integrali mill-Fundazzjoni Karkariża.

**1632** Fl-14 u fil-15 ta' Lulju 1632, Dun Filippu deher fil-Palazz ta' l-Inkwiżitur Martin Alferi biex iżomm kelmtu mal-wegħda li ta lill-Papa, jiġifieri biex jagħti ġidu ħalli titwaqqaf u tgħix il-Kolleġġjata. Miegħu kellu lin-Nutar Ferdinandu Zarb u x-xiehda D. Sebastian Hisiliani u Pasquale Testaferrata quddiem il-Kanċellier Salv. Burlo'. Tniżżel fid-dettal il-ġid li kien qed jagħti fl-ammont ta' aktar minn 780 skud. Dan kien il-qofol tal-ftehim bejn is-Santa Sede u l-Fundatur.

L-għotja formali saret permezz ta' Kuntratt Ċivili li fih, mhux biss elenka ġidu, iżda rabat ukoll li anke jekk "l-istess kanoniċi flimkien (unanimi) jiddeċiedu mod ieħor" dan ikun kontra r-rieda tiegħu li ħalla ġid għal dan l-iskop qaddis. Ta' bniedem intelliġenti ma riedx jafda u nsibu ħafna dettalji speċifiċi fl-att notarili, fosthom li jekk xi darba allaħaresqatt, dan il-kuntratt jiġi xolt, allura titwettaq l-aħħar xewqa tiegħu li "l-ġid kollu jgħaddi liberu għand il-werrieta" li huwa l-poplu Karkariż. Din il-kundizzjoni hi nkluża wkoll fil-Bolla tal-Papa nnifsu.

**1635** Fl-14 ta' Marzu 1635 it-Tribunal tas-Sacra Romana Rota, wara l-ostakoli maħluqa lokalment saħansitra mill-istess Gran Mastru De Paule (li beża' li ma' l-awtorità tiegħu, ta' l-Isqof u ta' l-Inkwiżitur kienet tfaċċat awtorità oħra distinta f'Birkirkara), ikkonferma l-bażi ġuridika tal-Fundazzjoni, fosthom il-Ġuspatronat attiv u passiv tal-Kapitlu u tal-Poplu ta' Birkirkara.

**1635** Fl-10 ta' Mejju 1635, Dun Filippu ħa l-pussess tal-Prepositura u sħabu l-ewwel Kanonċi ħadu l-pussess tal-kanonikati, kif ried il-Fundatur u kif kien ordna l-Papa nnifsu.

**1649** Fit-8 ta' Ottubru 1649 Mons. Filippu Borg ħalla dal-wied ta' dmugħ fl-età veneranda ta' 82 sena u ġie midfun fin-nofs tal-kor tal-Knisja l-Qadima – il-knisja li kien bena hu stess u li fiha waqqaf l-ewwel Kolleġġjata f'dawn il-gżejjer.[7]

**1656** Fl-1656 hu magħruf li tlestiet il-koppla tal-Knisja l-Qadima - ifisser li wara madwar 40 sena il-bini tal-knisja kien tlesta.[8] Ifisser ukoll li Dun Filippu ma laħaqx ra l-opra tiegħu lesta għal kollox, għalkemm fiha laħaq wettaq l-akbar opra li għaliha jibqa' għażiż għall-Karkraiżi – it-twelid tal-Kolleġġjata li rregalalhom. Il-Knisja l-Qadima aktarx li baqgħet isservi sakemm fl-1745 tbierket il-Bażilika tal-lum.

**1692** Fit-18 ta' Ġunju 1692 il-kariga ta' vigarju perpetwu (kappillan) ġiet mgħollija għad-dinjita ta' Arċipriet bħala t-tieni dinjità tal-Kapitlu (sa dakinhar) bl-intervent ta' l-Isqof Davide Cocco Palmieri.

**1726** Fit-28 ta' Settembru 1726 il-Papa Benedittu XIII, permezz ta' digriet speċjali tal-Kongregazzjoni tal-Konċilju, ikkonferma d-drittijiet li dejjem gawdew il-Preposti, fosthom is-Sedja Prepositali fil-kor tal-Kolleġġjata; dan reġa' tennieh fil-Bolla Apostolika apposta s-sena ta' wara (ara aktar 'l isfel) u fiha semma lill-Prepostu Ġuż. Vassallo meqjus bħala wieħed mill-aktar difensuri għorrief u qalbiena tal-Kolleġġjata.

**1727** Fis-27 ta' April 1727, bit-tħabrik tal-Prepostu Dr Ġużeppi Vassallo (1718-1749) tqegħdet l-ewwel ġebla tar-raba' knisja parrokkjali

fis-Salib
il-Qawmien tagħna

– il-Bażilika tal-lum – mill-Isqof Gaspare Gori Mancini (1722-1727) fi żmien il-Gran Mastru Fra Antonio Manoel de Vilhena (1722-1736); fost l-akbar benefatturi tagħha kien hemm l-istess Prepostu u Gran Mastru, kif ukoll il-mexxej Karkariż il-Kav. Ċensu Borg Braret (1767-1837).[9]

Mhux magħruf sew min kien l-arkitett tagħha. Hemm awturi illi jsostnu li kien Domenico Cachia (1700-1790)[10], waqt li oħrajn[11] isemmu lil Dun Nikol Borg "arkitett tal-fabbrika (bini) ġdida". Hemm żgur xebh mal-Kattidral fl-Imdina li x-xogħol fuqu tlesta fl-1707 fuq disinn ta' Lorenza Gafà (1630-1710) u influwenza kbira ta' Gianlorenzo Bernini (1598-1680) li ddisinja l-Bażilika ta' San Pietru u l-kolonnat bl-istatwi fil-Vatikan.

**1727** Wara kważi mitt sena mill-Bolla ta' Urbanu VIII, kienu bosta d-deċiżjonijiet li s-Santa Sede kellha tieħu biex tipproteġi l-Kolleġġjata kif riedha l-Fundatur. Fl-5 ta' Ġunju 1727 il-Papa Benedettu XIII (1724-1730) li kien kanonista mill-iprem, ħareġ il-Bolla "Sollemniter Confirmans Privilegia" biex itenni d-deċiżjonijiet kollha tal-Papiet ta' qablu għall-ħarsien tal-Kolleġġjata u l-jeddijiet speċjali tagħha.

**1745** Fid-19 ta' April 1745, wara snin ta' xogħol bla heda mill-Karkariżi, il-bini tal-knisja l-ġdida kien diġà avvanzat sew tant li tbierket mill-Isqof Alpheran de Bussan (1728-1757) u fiha saru l-ewwel funzjonijiet mill-Kapitlu Elenjan.[12]

**1748** Kien qrib din is-sena li beda jsir id-dfin fil-kannierja tal-Knisja l-ġdida u aktarx li nqata' d-dfin fil-kamposant taħt il-kampnar tal-Knisja l-Qadima. L-aħħar dfin fil-kannierja attwali sar fi Frar 1974 wara li l-Gvern ipprojbixxa dfin f'ambjenti magħluqin għal raġunijiet sanitarji.[13]

**1751** Sa din is-sena fil-Kolleġġjata kien hemm il-Prepostu u l-Arċipriet – żewġ dinjitajiet għoljin f'idejn żewġ kanonċi differenti. Fil-15 ta' Marzu 1751 il-Papa Benedettu XIV (1740-1758) bagħat il-Bolla Apostolika "In Supremo Apostolatus Solio" li fiha kkonferma l-Bolli ta' qabilha u, fuq talba tal-Kapitlu, għaqqad l-Arċipretura mal-Prepositura. Ħlief għal perijodu qasir bejn l-1981 u l-1994, iż-żewġ dinjitajiet baqgħu dejjem insiti f'persuna waħda – il-Prepostu-Arċipriet.[14]

**1760** F'din is-sena tlesta x-xogħol fuq il-koppla tal-knisja l-ġdida; dan kien ifisser li x-xogħol tal-bini li kien ilu sejjer madwar 22 sena kien wasal fi tmiemu – grazzi għall-ħafna Karkariżi li ħadmu u stinkaw b'xejn, l-aktar fil-Ħdud u l-btajjel.

**1763** Sar il-kwadru titulari ta' Sant'Elena bis-Salib li jiddomina l-kor tal-Knisja l-Ġdida minn Franġisku Zahra (1680-1765) u aktar tard iż-

żewġ kwadri laterali fil-kor. Zahra pitter ukoll il-pittura ewlenija fuq l-altar tal-Kappella tas-Ss.mu Sagrament.

**1771** Fit-28 ta' Diċembru 1771, jiġifieri 141 sena wara t-twaqqif tal-Kolleġġjata, il-Kanonku Dekan Perin Borg żied fundazzjoni oħra u kabbar il-Kapitlu b'erba' kanonikati oħra – il-Kantur, Teżorier, Penitenzier u Teologu. Mexa fuq l-istess linji u prinċipji ta' l-ewwel Fundatur u għamel kollox permezz ta' Kuntratt Ċivili għand in-Nutar Pietru Pawl Gonzi.

**1782** Fl-20 ta' Ottubru 1782 l-Arċisqof-Isqof Vincenzo Labini (1780-1807) ikkonsagra l-knisja l-ġdida f'ċerimonja solenni li dwarha għad għandna skrizzjoni fuq ġewwa tal-bieb il-kbir tal-Bażilika.

**1787** Il-Fundazzjoni ta' Dun Perin saret bi ftehim ma' l-istess Kapitlu u l-qbil finali jinsab fl-atti tan-Nutar Allegritto tat-23 ta' Mejju 1787. Fl-istess sena din it-tieni fundazzjoni ġiet aċċettata wkoll mis-Santa Sede permezz ta' l-Isqof Vincenzo Labini (1780-1807).

**1787** L-Isqof Labini żar il-Knisja l-Qadima (kif kienu għamlu qablu l-Isqfijiet Alpheran – fl-1747, Rull – fl-1758, u l-istess Labini – fl-1781 u 1783), ra li s-saqaf kien f'periklu li jisfronda u ordna li jkunu mbarrati l-bibien biex ħadd aktar ma jidħol fiha. Ta' min igħid li fl-1894 xi dilettanti kienu daħlu jagħtu tindifa biex għall-inqas jippreservaw dak li kien fadal.[15]

Jidher li l-inħawi madwarha kienu baqgħu mwarrbin u mhux popolati biżżejjed, għalkemm Dun Filippu kompla fuq knisja li diġà kien hemm li aktarx inbniet hemm meta l-Karkariżi kienu tbiegħdu mill-ewwel abitazzjoni f'San Ġwann ta' l-Għargħar u, għalhekk, 'il bogħod mix-xtut minħabba l-attakki tal-Furbani. Kien biss fl-aħħar erbgħin sena li tela' daqstant bini madwar din il-Knisja.

Ta' min igħid li kien l-istess Kapitlu Elenjan li beda r-restawr tagħha lejn tmiem is-snin sittin tas-seklu għoxrin, xogħol li tkompla b'maestrija kbira mill-mibki Kan. Dekan Vincenz Saliba u l-imgħallem Abraham Schembri, sakemm l-istess Kapitlu irregala din il-ġawhra arkitettonika u storika lid-djoċesi. Illum qed taqdi funzjoni bħala żona pastorali awtonoma.

**1789** Bejn it-23 ta' Jannar ta' din is-sena u l-4 ta' Ġunju 1790 ingħataw erba' sentenzi mis-Sacra Romana Rota dwar il-Kolleġġjata u fihom kien ikkonfermat li biex deċiżjonijiet jew ħatriet ikunu leġittimi, iridu jkunu jaqblu ma' l-Istatuti tal-Kolleġġjata.[16]

**1813** Fl-1813 faqqgħet il-pesta fil-pajjiż u f'Birkirkara nbena ċimiterju "Ta' l-Infetti" fl-inħawi ta' l-Imrieħel u fih indifnu madwar 280 Karkariż/a li mietu nfettati; il-post dam abbandunat għal ħafna snin wara, sakemm

fl-1942 indifnu xi midrubin tal-gwerra li mietu fil-Kulleġġ San Alwiġi li kien serva ta' sptar. Fl-1962 tnaddaf u l-għadam ġie ttrasportat lejn iċ-ċimiterju ta' l-Addolorata.[17]

Minkejja sforzi mill-President Joe Deacon tas-Soċjetà Borgia fl-1974-75 biex jerġa' jintuża bħala ċimiterju (wara li ngħalqet il-kannierja u l-Knisja l-Qadima), iż-żona ttieħdet biex illum hemm ground tal-football u żvilupp ieħor.

**1837** Fit-18 ta' Lulju 1837 l-istatwa artistika ta' Santa Elena iddaħlet fil-Kolleġġjata, fi żmien il-Prepostu Ġużeppi Debono. Kienet ġiet skolpita minn mastru Salvu Psaila (1798-1871) f'post kbir fi Triq Ħal Għargħur magħruf sal-lum bħala "il-Palazz ta' Santa Liena"; ħallas għaliha l-Kav. Ċensu Borg Braret (1767-1837) li ma kellux xorti jaraha f'postha billi laħaq miet lejlet li ddaħlet fil-Knisja. L-iskultur Psaila baqa' jgħix f'Birkirkara sa ma miet u l-funeral sarlu gratis.

**1840** Sar il-ventartal tal-fidda (maħdum mill-aħwa Cannataci fuq disinn ta' Ġużeppi Hyzler) b'rigal tal-Kan. Gatt Testaferrata għall-artal maġġur (iddisinjat mill-istess Salvu Psaila).

**1859** Fit-18 ta' Mejju 1859, fi żmien il-Prepostu Kruċ Pisani Borg, waslet il-Bolla Apostolika "Ad Petri Cathedram" tal-Papa Piju IX (1846-1878) li biha ġiet uffiċjalment magħrufa d-dinjità tad-Dekan bħala t-tieni waħda wara dik tal-Prepostu; dan grazzi għall-appoġġ ta' l-Isqof Gaetano Pace Forno (1857-1874) li baqa' dejjem maħbub mill-Karkariżi.

**1861** Fl-1861 il-Prepostu Kalċidon Agius għaraf il-periklu fl-istat tal-bini tal-knisja l-ġdida, billi l-piż tal-koppla kkaġuna xi konsenturi. Skond il-periti kien hemm spiża ta' £625. L-Isqof Pace Forno approva li jsir self biex fl-1862 inbnew l-arkaturi fil-ġnub ta' barra u ċ-ċinta mal-knisja kollha biex tintrifed il-binja kollha tat-tempju maestuż.[18]



**1861** Bi Breve tal-20 ta' Diċembru 1861 tal-Papa Piju IX u bl-intervent ta' l-Isqof Pace Forno, il-Kanonċi ta' Birkirkara ngħataw id-dritt li jilbsu s-salib pettorali tad-deheb fuq l-abiti korali u fuq is-suttana; dan seħħ fi żmien il-Prepostu Kalċidon Agius (1854-1866). L-Isqof Pace Forno kellu rabta speċjali ma' Birkirkara tant li waħda mill-ittri pastorali tiegħu (10.5.1872) ħariġha "mir-residenza tiegħu f'Birkirkara".[19]

**1865** Bejn il-15 ta' Frar 1865 u t-12 ta' Ottubru 1912 ingħataw tmien sentenzi mill-Qrati Ċivili u ta' l-Appell ta' Malta, fejn dejjem ġie kkonfermat il-prinċipju tar-rispett sħiħ lejn ix-xewqa tal-Fundatur u partikolarment l-osservanza ta' l-Istatuti tal-Kolleġġjata f'kull dubju jew litigazzjoni dwar ħatriet jew deċiżjonijiet fl-amministrazzjoni tal-Kolleġġjata.

**1878** Tul l-1878 tlestiet biċċa ġmielha mill-paviment ta' l-irħam fil-Knisja l-Ġdida – xogħol meqjus "kolossali" dik il-ħabta; saret ukoll l-induratura tal-Kappella tas-SS.mu u r-restawr tal-kappellun tal-Kurċifiss. Fit-23 ta' Diċembru ta' l-istess sena Tas-Sliema inqatgħet minn Birkirkara u saret Parroċċa.[20]

**1883** Il-Pittur Ġużeppi Calì (1846-1930) lesta l-kapolavur tiegħu fl-arzella tal-kor tal-Bażilika li jirrappreżenta l-glorja ta' Sant'Elena, filwaqt li Rokku Buhagiar lesta l-kwadru ta' l-Assunta proprju għal taħt l-arzella tal-kor.

**1898** Tlesta u żżanżan it-tużell artistiku u rikk għal fuq l-artal maġġur; il-qafas ta' l-injam inħadem mill-aħwa Karkariżi Ġakbu u Ġużeppi Debono, l-iskultura minn Antonio Sapiano tar-Rabat u l-induratura minn Ġużeppi Bartoli – kollox fuq disinn ta' Giovanni Galdes. Reġina Attard ħallset għall-baldakkin irrakmat bid-deheb u li sar f'fabbrika ġewwa Lyon fi Franza – l-aqwa waħda madwar l-Ewropa. Kollox sewa £400 li kienet ukoll somma kbira dik il-ħabta.[21]

**1906** Fl-1906 tlestiet il-pittura 'a fresco' fil-koppla mill-Professur Ruman Virginio Monti (1860-1940). Ix-xogħol tal-pittura fit-troll tas-soqfa tal-korsija, kor u kappelluni kif ukoll fil-koppla kien kummissjonat lilu mill-Prepostu ħabrieki Dr Alfons Borg fuq bażi ta' studju riċerkat dwar il-ħajja ta' Sant'Elena u binha Kostantinu mill-Kanonku Palermitan Dr Salv. di Pietro.[22]

Fis-7 ta' Lulju ta' sena wara tlesta x-xogħol tas-saqaf tal-kor u l-erba' lunetti bl-evanġelisti taħt il-koppla u ġew inawgurati mill-Isqof Pietru Pace. Is-saqaf tal-korsija tlesta fit-2 ta' Awissu 1908, waqt li dak tal-kappelluni kien lest fis-7 ta' Awissu 1910. Dan kollu sewa l-ammont sħiħ ta' £5,033, somma ġmielha għal dak iż-żmien.[23]

**1912** Fit-30 ta' Mejju 1912, fi żmien il-Prepostu Alfons Borg (1862-1925) u l-Isqof Pietru Pace (1889-1914), il-Kapitlu Elenjan ingħata l-privileġġ mill-Papa San Piju X li juża l-mazza bħala simbolu ta' awtorità kollettiva tiegħu fil-Kolleġġjata. Saret tal-fidda mid-ditta G. & C. Busuttil tal-Belt wara deċiżjoni Kapitulari ta' l-1 ta' April 1913 u swiet £62.



**1919** Bit-tħabrik tal-prokuratur il-Kan. Nazju Gatt, fit-3 ta' Awissu 1919, l-istatwa ta' Sant'Elena intlaqgħet lura f'Birkirkara wara li kienet ġiet indurata mid-ditta Coleiro tal-Belt; l-istatwa twasslet fuq l-ispallejn minn ħdejn l-istazzjon sal-Knisja, akkumpanjata miż-żewġ baned ta' dak iż-żmien.[24]

fis-Salib il-Qawmien tagħna

**1928** Lejlet il-bidu tal-Festi Ċentinarji, il-Ħadd 26 ta' Awissu 1928, l-

Arċisqof Mauro Caruana bierek l-orgni l-ġdid tal-Kolleġġjata li nħadem mid-ditta Tamburini ta' Crema fl-Italja, bit-ħabrik tal-Prepostu Bonnici u l-Kan. P.P. Charbun.

**1932** Il-Ħadd 24 ta' Jannar 1932 l-akbar qanpiena ta' knisja f'Malta, ittellgħet f'postha fil-kampnar tat-tramuntana tal-Kolleġġjata li mill-bidunett kien inbena usa' minn ġewwa. Inħadmet fil-funderija ta' l-aħwa Barigozzi f'Milan u tiżen mitt qantar u disat irtal waqt li l-ilsien waħdu jiżen ħamest iqnatar; hija 10 piedi u 3 pulzieri għolja b'dijametru ta' 8 piedi. Saret fi żmien il-Prepostu Karmelu Zammit (1896-1961) u swiet £1,300, u t-tonalità tagħha hija tal-magħruf mużiċista Karlu Diacono (1876-1942); ix-xogħol biex ittellgħet kien f'idejn mastru Lippu Sammut magħruf bħala "il-Lupu" u ħadet madwar siegħa u kwart biex ittellgħet f'postha.

**1935** Sar f'Malta Konċilju Reġjonali u ttieħdu deċiżjonijiet (miġburin f'ċirkulari numru 339 maħruġa mill-Kurja fil-25 ta' Settembru) li kienu ta' ħsara għall-Kolleġġjata u t-termini ewlenin tal-Fundazzjoni, fosthom id-dritt fundamentali li l-Kapitlu jamministra l-ġid imħolli lil Birkirkara mill-Fundaturi. Ġie deċiż li jkunu sospiżi bi protesta l-festi kollha esterni ta' Sant'Elena sakemm tinħall il-kwistjoni.

**1936** Twaqqfet uffiċjalment is-Soċjetà Dun Filippu Borgia. "Fit-3 ta' Lulju 1936, għadd kbir ta' Karkariżi minn kull klassi ingħaqdu biex patrijottikament u xejn inqas legalment, iħabirku flimkien, bla piki jew partiti, għall-ġid tal-Kolleġġjata u ta' Birkirkara..."[25]

Bl-avukati Edgar u Willie Buhagiar, in-Nutar Ġużeppi Gatt, it-Tabib Pawlu Grech, il-Kjeriku Salvinu Borg Olivier, Salvinu Ruġġier u Karmenu Laferla fl-ewwel kumitat, flimkien mad-delegati taż-żewġ baned, is-Soċjetà infurmat lill-Kapitlu fis-16 ta' Settembru u lill-Arċisqof Dom Mauro Caruana bit-twaqqif u l-għanijiet tagħha.

Fis-27 ta' Novembru bdew jinġabru l-firem u l-fondi fost il-Karkariżi. Fil-15 ta' Diċembru ġie deċiż li tinfetaħ kawża f'isem il-Poplu Karkariż fit-tribunali ta' Ruma; żewġ delegati telgħu Ruma biex għażlu lill-avukat D'Alessandri jmexxi l-każ f'isem is-Soċjetà u l-Poplu kontra d-deċiżjoni tal-kurja ta' Malta. Ġie deċiż li jkunu sospiżi l-festi esterni.

**1939** Fil-11 ta' Mejju 1939 it-Tribunal Suprem tas-Santa Sede, is-Segnatura Apostolica rrikonoxxa d-dritt leġittimu tas-Soċjetà li f'isem il-poplu tipproċedi bil-każ fit-tribunali tal-Knisja.

**1945** Fit-13 ta' Diċembru 1945 il-Kapitlu Elenjan jingħaqad mas-Soċjetà Borgia fil-kawża u jagħti l-mandat tiegħu ta' prokura lill-istess avukat D'Alessandri.[26] Kompla jikber l-appoġġ tal-poplu fil-ġbir ta' fondi għall-kawża.

**1948** Għall-bidu ta' Diċembru xterdu xnigħat persistenti li l-kawża kienet se tintrebaħ, l-aktar wara tagħrif m'għand l-Avv. D'Alessandri, għad li ntqal ukoll li t-tribunal se jiddeċiedi li mhux kompetenti biex jiddeċiedi.

**1949** Is-sena bdiet b'ħafna tgergir li ħadd ma jaf sew x'ġara. Fit-tieni ġimgħa ta' Jannar inġiebet f'Birkirkara statwa tal-Madonna ta' Fatima li kienet qed iddur il-parroċċi kollha.

Fis-6 ta' Jannar waslet is-sentenza: l-imħallfin Wynen, Heard u Canestri qatgħuha li s-Sacra Romana Rota "mhix kompetenti li tiġġudika l-każ." Fis-27 ta' Jannar dan sar magħruf u saret protesta popolari u l-Knisja nżammet magħluqa għal madwar ġimgħa. Id-diriġenti tas-Soċjetà ltaqgħu ma' l-Arċisqof (Gonzi) u ntervenew biex tirrenja l-kalma.

Fis-6 ta' Frar telgħet Ruma delegazzjoni komposta mill-Prepostu Emmanuel Vella u l-Kan. Vincenz Saliba f'isem il-Kapitlu, u mill-Avukat Buhagiar u n-Nutar Gatt f'isem is-Soċjetà u ħadu magħhom ittra ta' Mons. Gonzi (datata 27.1.49) fejn talab li "ikun ikkunsidrat mill-ġdid il-każ speċjali ta' Birkirkara", wara li l-Kapitlu u s-Soċjetà irrinunzjaw li jappellaw – għalkemm ma kinux unanimi li ma jappellawx. Lura Malta d-delegazzjoni kellha l-garanzija li "kollox kellu jirritorna għalli kien".[27]

**1950** Fit-18 ta' Jannar 1950 il-Papa Piju XII (1939-1958) ħareġ il-Bolla "Melitam Insulam" li biha għolla l-Kolleġġjata tagħna għad-dinjità ta' Bażilika Minuri Rumana fuq rakkomandazzjoni ta' l-Arċisqof Gonzi.

Kien bidu sabiħ għal Birkirkara: l-aħbar malajr xterdet u ġie deċiż li terġa' ssir il-festa u tinħareġ l-Istatwa ta' Sant'Elena nhar il-festa tas-Salib – għall-ewwel darba wara 14 -il sena. Saru tħejjijiet kbar, inbidel is-Salib tal-frontispizju għal wieħed bażilikali u fit-30 ta' April il-Prepostu Dr Emmanuel Vella, minn fuq il-pulptu qara l-Bolla lill-poplu li ħonoq il-Bażilika ġdida tiegħu. It-transulazzjoni, il-Primi Vespri u l-Pontifikal fit-3 ta' Mejju kienu lkoll Prepositali – wara tant snin bla sollennità fil-festi. Patri Salv. Portelli OP niseġ paniġierku mill-aqwa.[28]

Wara li daħlet il-purċissjoni fil-għaxija, l-Arċisqof Gonzi għalaq il-festa bil-Barka Sagramentali u diskors imqanqal li fih appella biex "ninsew l-imgħoddi għax kollox baqa' bħalma kien!" In-Nutar Gatt, President tas-Soċjetà Borgia għamel ukoll diskors u flimkien mal-Kapitlu ppreżenta rigal lill-Arċisqof li wara twassal b'dimostrazzjoni popolari mill-Bażilika sa tarf Triq Fleur-de-Lys meta kien qaleb nofs il-lejl.

L-entużjażmu tal-Karkariżi kompla jikber bi tħejjija għall-festa titulari. Bit-tħabrik tal-Kan. Saliba kważi kull familja Karkariża tat xi ħaġa tad-deheb biex setgħu jsiru l-kuruna, iċ-ċintell u s-sandli tad-deheb għall-istatwa.

Dawn inħadmu mid-ditta Karm Mizzi fuq disinn tal-Prokuratur stess, waqt li d-ditta Cachia-Borg irregalaw ħaġar prezzjuż għall-kuruna. Is-

Sinjorina Elena Galea rregalat katina tad-deheb (li kienet tal-Prepostu Alfons Borg) għal Salib Pettorali fuq sider l-istatwa, waqt li Ġużè Borg ta rużetta tal-brillanti u Pawlu Attard ta labra kbira bid-djamanti. Dawn kollha tlibbsulha mill-Prepostu Vella lejlet il-festa ta' dik is-sena fost il-ferħ u l-emozzjoni kbira tal-poplu. Iżżanżnu wkoll diversi opri oħra fil-Bażilika tagħna.

Fl-eqqel tat-tħejjija, lejlet l-Imnarja taret il-kamra tan-nar u mietu G.Borg, A.Grech u V.Agius li nagħtaw tislima ġenwina fit-30 ta' Ġunju: dawk kienu ħutna li ħadmu magħna fis-snin tan-niket u bħalna kienu mtlew bil-ferħ li ġabitilna l-1950!

It-Transulazzjoni dik is-sena saret mill-Knisja ta' San Pawl għall-Bażilika u l-Pontifikal tal-festa tmexxa mill-Arċisqof. Il-Purċissjoni saret fil-għaxija u għaddiet minn Triq il-Wied. Kien jum għażiż għal kull min għexu – 50 sena ilu, għax kellu tifsira speċjali għal min kien tassew iħobb lil Sant'Elena u lil Birkirkara.

**1955** Fid-19 ta' April 1955, wasal minn Ruma d-digriet tar-"Ripristino" (kollox jerġa' għalli kien) mill-Kongregazzjoni tal-Kleru bil-firma tal-Kard. Ciriaci. Dan kien ifisser li l-ġuspatronat ġie riattivat kif kien dejjem u l-Kapitlu seta' jaħtar il-kanonċi l-ġodda.

**1956** Fit-13 ta' Marzu 1956, infatti, ħarġu l-editti mill-Kapitlu biex jintgħażlu erba' kanoniċi ġodda skond il-proċess stipulat mill-Fundatur innifsu; ġew eletti Dun Anton Mallia Borg, Dun Pawl Gauci, Dun Manwel Grech u Dun Ġwann Micallef. L-investitura u l-pussess saru fil-15 ta' April u għal Birkirkara kienet festa kbira, biż-żewġ baned jiftiehmu li jakkumpanjawhom separatament qabel u wara ċ-ċerimonja.

Dakinhar il-Karkariż veri setgħu jibqgħu jittamaw li l-patrimonju li ħallewlhom Mons. Dun Filippu u Dun Perin fil-Kolleġġjata tagħhom kien tabilħaqq baqa' kif ħallewh dawn iż-żewġ benefatturi kbar ta' Birkirkara.

## NOTI

1. DEACON J.A., "360 Sena Kolleġġjata", Birkirkara, 1990, p.1. GRIMA J.F., "The Democrat" 16 ta' Novembru 1985.
2. BONNICI, P.Alexander OFM Conv., fi "Ġabra ta' Mħabba u Storja Elenjana", Birkirkara, 1976, p.11.
3. BORG, Joseph Kav., fi "Ġabra ta' Mħabba u Storja Elenjana", Birkirkara, 1975 (Ed. J.A.Deacon, V.Parnis) pp. 47-57.
4. BONNICI P.A., Op. Cit. cfr Vista Pastorali ta' Mons. Pietru Dusina, 1575.
5. MELEVITANA IURIUM, Prot. n.2877, kif ukoll l-iskrizzjoni fuq il-bieb ewlieni tagħha li tgħid li "fl-1617 Dun Filippu ġedded, kabbar u waqqaf bi flusu u b'dawk ta' nies oħra devoti".
6. Estratt mill-Arkivji Kapitulari ta' Birkirkara fejn hemm imfisser li "għalkemm kien jixirqilha hekk din il-Kolleġġjata..., inzertat mhix bogħod biżżejjed mill-Palazz ta' l-Isqof djoċesan."

7. "E' stato seppellito nella sepoltura in mezzo del coro della nta. Collegiata" skond kitba qadima fl-arkivji parrokkjali; tant li meta sar ir-restawr tal-Knisja l-Qadima u kien meħtieġ xogħol ta' tħaffir u skavar fil-kor indikat, instab l-għadam ta' kadavru proprju f'nofs il-kor, sejba li ġustament ġiet mgħottija bi ħġieġa u ma ntradmitx.
8. VELLA E.B., "Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata Tagħha", 1935, pp. 245-264.
9. DEACON J.A., "A Visitor's Guide to St Helen's Basilica", Birkirkara, 1981, p.5
10. HUGHES Q., BROWN H., u SAMMUT E., huma l-awturi li jikkwota Joe Deacon fil-kitba tiegħu f'Ġabra ta' Mħabba u Storja Elenjana,1977, pp. 62-64.
11. VELLA E.B., Op. Cit., p.221
12. DEACON J.A., Op. Cit., p.6-7.
13. MANGION R., "Ċimiterji f'Birkirkara" f'Ġabra ta' Mħabba u Storja Elenjana, Ed. JA Deacon,1977, pp.49-52.
14. DEACON J.A., "Il-Kura ta' l-Erwieħ f'Birkirkara 1436-1981", Birkirkara Tagħrif, 1982, pp. 17-20.
15. VELLA E.B., Op. Cit. pp.266-267.
16. Arkivji tal-Ven. Soċjetà Dun Filippu Borgia.
17. MANGION R., Op. Cit., p. 51.
18. DEACON J.A., Op. Cit., p.13.
19. ZAMMIT W.L., "L-Isqof Pace Forno u Birkirkara", f'Ġabra ta' Mħabba u Storja Elenjana, 1976, p.24-28.
20. ZAMMIT W.L., "Ġrajjiet ta' l-1878", f'Ġabra ta' Mħabba u Storja Elenjana, 1979, pp. 19-22.
21. GAUCI Mario, fil-Ktieb tal-Programm tal-Festa 1998, pp.23-25; u DEACON J.A., "A Visitor's Guide to St Helen's Basilica", 1981 p.11.
22. L-abbozzi oriġinali llum jinsabu fl-awla kapitulari tagħna u kienu nġiebu Malta minn Ruma bit-tħabrik tal-mibki prokuratur Vincenz Saliba u xi ħbieb li telgħu miegħu apposta, fosthom Joe Sciberras, illum viċi-president tas-Soċjetà Borgia.
23. DEACON J.A., Ġabra ta' Mħabba u Storja Elenjana, 1976, pp.77-80.
24. DEACON J.A., Op.Cit. 1979, pp.12-13.
25. Hekk jibda l-ewwel paragrafu ta' l-Istatut uffiċjali tas-Soċjetà Borgia.
26. Arkivji tas-Soċjetà Borgia, ittra formali ffirmata mill-Kanċellier, il-Kan. Vincenz Ciappara.
27. Arkivji tas-Soċjetà Borgia, kopja ta' l-ittra awtentika ffirmata mill-Arċisqof Gonzi.
28. Id-dettalji kollha meħudin minn rakkont komplut ta' Joe Deacon fil-ktieb tiegħu "360 Sena Kolleġġjata", 1990, pp. 50-64, kif ukoll minn notamenti tas-Segretarju tas-Soċjetà dak iż-żmien, is-Sur Karm Debono u rapporti f'ġurnali ta' l-epoka.

CORTIS
AUTO
ELECTRICIAN
THOMAS FENECH STREET, BIRKIRKARA
GARAGE: 492645

fis-Salib il-Qawmien tagħna